**Kunsill Lokali –L-ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 22**

**16 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tleita 16 ta' Diċembru 2025 fis-6:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 22 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **22.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma Kienx hemm |
| **22.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 22.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 20, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Mario Gauci u ġew issekondti mill-kunsillier s-Sur Malcolm Gatt. |
| **22.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 22.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera, li l-kunsill irċieva imejl minn għand Sport Malta sabiex navżaw lir-residenti li nhar il-ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025 l-aħħar sezzjoni tal-għawm għal din is-sena li ser tkun fid-9.15 am għaliex inbidel il-ħin għal din il-ġurnata u jerġgħu jibdew fis 7 ta' Jannar 2026. |
| 22.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-sindku flimkien mas-segretarju iltaqgħu mal-kuntrattur tal-cameras fejn ġie diskuss li jekk ser jinbidel il-post ta' fejn irridu issiru il-cameras peress li fil-pjazza Ggeorge Mttrovich ma tħallewx trinka mill-Enemalta minn fejn jgħaddu l-wires tal-cameras, ix-xogħol li sar fi Pjazza George Mittrovich għal cameras xorta irrid jitħallas għalhekk is-sindku qed jissuġġerixi li l-cameras jitwaħħlu kif kien ipjanat oriġinarjament fil-Pjazza George Mittrovich u l-kommunikazzjoni issir minn barra u titla mal-arbli tad-dawl tal-Enemalta. Il-Kuntrattur qed jitlob li biex il-komunikazzjoni issir minn barra mal-arbli tad-dawl dan ser ikun ta' spejjeż addizjonali. Is-Segretarju eżekuttiv talbet kwotazzjoni u din il-kwotazzjoni tammonta għall- € 1277.94, il-kunsilliera preżenti qablu ma din il-kwotazzjoni u li x-xogħol għandu jitkompla fi Pjazza George Mittrovich. |
| 22.03.03 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti l-applikazzjoni għall-SPI/SCI/07/2025 Kommunitajiet aktar b'saħħithom ġiet aċċettata fejn il-kunsill ser ikompli jinvesti fuq il-Forti San Mikiel sabiex jintramaw bankijiet, picinic tables, dust bins u charging points għall-mobiles. Din is-somma kienet ta' €80,000. |
| 22.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera li r-Reġjun Port stieden lil kunsilliera u lis-segretarju eżekuttiv għal ftuħ kulturali tar-reġjun Port fil-11 ta' Jannar 2026. Dak in-nhar il-banda tal-Isla ser tkun qed idoqq u tinkixef il-plakka tar-Reġjun Port – Reġjun Kulturali għas-sena 2026. |
| 22.03.05 | Is-sindku informa lil kunsilliera li nhar is-sibt 20 ta' Diċembru 2025 fil-5.30 pm ser jingħata l-awguri mill-Arċisqof. |

| | |
|---|---|
| 22.03.06 | Is-Sindku wera kartolina magħmula mill-anzjani attiva Sengleana. Din il-kartolina li disinjawa is-Sur u is-Sinjura Cilia ġiet magħżula mill-ministeru tal-anzjani u l-kunsill talab il-copy right sabiex din il-kartolina titqassam bieb bieb lis-Sengleani kollha. Din il-kartolina kienet parti minn kompetizzjoni ma ċentri oħra tal-anzjanita attiva' u iċ-ċentru tal-Isla ġie it-tieni post. |
| 22.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li Transport Malta talbu lil kunsill sabiex titneħħa kaxxa blu minn Triq iż-Żewġ Mini. |
| 22.03.08 | Is-sindku informa lil kunsilliera li ser isisr laqgħa online nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025 fuq Jum l-emigranti. |
| 22.03.09 | Is-Sindku ressaq l-applikazzjoni tal-Community Support Scheme sabiex jekk din l-applikazzjoni tgħaddi u l-kunsill jingħata l-fondi issiru cameras fil-gardjola għaliex li hemm antiki u jsir oħrajn fil-grawnd tal-futbol. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. |
| 22.03.10 | Is-Sindku bagħat l-Agenda u l-minuti tal-laqgħa tar-Reġjun Port lil kunsilliera tal-Isla permezz ta' imejl. |
| 22.03.11 | Is-Sindku ressaq ilmenti li qed ikun hemm sewqan bl-adoċċ fi Triq is-Sur k/m Triq San Lawrenz u dak li jkun ma jkunx qed jara jekk hux ġejja karrozza mil-kantuniera għalhekk talbu li issiru bollards fil-kantuniera fuq il-linji sofor u mera. |
| 22.03.12 | Is-Sindku ressaq l-argument li jkun hemm talba li l-karozzi jistgħu jipparkjaw fuq il-bankina fil-ħinijiet ta' filgħaxija u s-segretarju eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li TM kienet diġa bagħtet lil kunsill li irrid ikun hemm distanza wiesgħa li persuna tgħaddi minn fuq il-bankina kemm bil-push chair jew b' wheel chair u l-kunsill jaf biżżejjed li fuq din il-bankina ta' Triq iż-żewġ Minin mhux wiesgħa biżżejjed. Is-sindku wieġeb li l-kunsill għandu jerġa jagħmel talba oħra lil Transport Malta għaliex hemm nies li jixtiequ li jipparkjaw fuq il-bankina u hemm oħrajn li ma jixtiequx. Għalhekk is-sindku ipropona li jibgħat ittra sabiex il-kunsill jaraw x'jixtiequ ir-residenti. |
| **22.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 22.04.01 | Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia<br><br>Jixtieq jistaqsi lis-sindku jew lis-segretarju eżekuttiv jekk il-kunsill tal-Isla jistax jitlob li jsir studju dwar l-imaġinjar tat-traffiku.<br><br>Is-Sindku wieġeb li jista' jsir. |
| **22.5** | **Rapporti** |
| 22.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Novembru 2025 u l-*Petty Cash* ta' Novembru 2025 fejn ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-sur Mario Gauci. |

| | |
|---|---|
| **22.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 22.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru12/2025 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-sur Mario Gauci. |
| 22.6.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ir-rapport tal-baġit għal-2026 li preżentat fil-laqgħa pubblika li ġie approvat mill-kunsilliera preżenti. |
| **22.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 22.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-7:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2026 fl-4:30p.m. għal-laqgħa pubblika u wara issir il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Isla. |

Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2026

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv